Leħen il-Parroċċa

Ħal Luqa

ottubru 2007

# Sliem Għalik Marija

Dun Karm Camilleri - **Kappillan**

Dan ix-xahar ta' Ottubru jfakkarna f'Marija taħt it-titlu tar-Rużarju. Din hija talba għażiża għalina għaliex missirijietna dejjem ġew meħlusa minn ħafna gwaj u inkwiet permezz tar-Rużarju Mqaddes. Il-Madonna riditha din it-talba u talbitha ġewwa Fatima lit-tlett rgħajja ċkejknin kif ukoll ġewwa Lourdes lil Bernardette Soubirou. X'paċi u ferħ ikun hemm f'dawk il-familji li jinġabru jgħidu din it-talba tant għażiża.

**Ħsibijiet u Meditazzjonijiet**

Ir-Rużarju jikkonsisti f'għoxrin misteru mqassmin ħamsa kull darba u li fihom nimmeditaw dawk tal-Ferħ, tad-Dawl, tat-Tbatija, u tal-Glorja. Kull misteru huwa ħsieb meħud mill-Evanġelju dwar il-ħajja ta' Kristu. Huma mumenti li jlaqqgħuna direttament ma' Ġesu' u ma' Ommu Marija. Bejn kull misteru u ieħor insellmu lill-Madonna bit-talba li għamlilha l-Arkanġu Gabriel u li qalilha li kellha ssir Omm Alla. Fil-bidu ta' kull posta ngħidu l-Missiera, it-talba li fiha nitolbu lill-Missier twajjeb u ħanin tagħna biex jieħu ħsiebna fil-provvidenza kbira tiegħu. Kien il-Papa Ġwanni Pawlu II li dan l-aħħar kien żied dawk tad-Dawl biex ikollna stampa sħiħa tal-mumenti l-iżjed importanti fil-pjan tas-salvazzjoni.

**Isaħħaħ il-Familja**

Veru li llum minħabba l-ħajja mgħaġġla ma tantx insibu ċ-ċans li niġbru l-familja flimkien biex ngħidu r-rużarju. Naturalment hawn ħafna wkoll x'jaljenak. It-televiżjon, l-internet, il-passatemp, l-istudju, ix-xogħol u mitt ħaġa oħra li ma jħallulek ħin għal xejn. Imma dan ma jfissirx li wieħed ma jsibx għaxar minuti li fihom jitkellem ma' Alla u jsellem lill-Madonna. Nafu kemm perikli niltaqgħu magħhom ta' kuljum u x'kurrent qawwi għandha kontriha l-familja. Il-Madonna żgur li tħarisna mill-gwaj u l-inkwiet jekk nirrikorru lejha bir-Rużarju Mqaddes. Iva, kienet dejjem Marija Santissima li bl-interċessjoni tagħha dejjem ħelsitna mill-qawwa tal-għadu tagħna.

Ejjew naqbdu f'idejna dik il-kuruna mbierka u nitolbu għad-dinja kollha biex ma jkunx hawn iżjed gwerer u terroriżmu, imma paċi u sliem fost il-bnedmin.

## IEQAF u AĦSEB

# Il-Qawwa tar-Rużarju

### Fr. David Farrugia - Viċi Kappillan



Nixtieq ngħarrfkom sigriet li jista' jkun il-bidu tat-triq li Alla jridkom timxu fiha. Ħbieb, jekk tridu tkunu kbar, tgħallmu ċċekknu.

Biex tkun żgħir jenħtieġ li temmen kif jemmnu t-tfal, li tħobb kif iħobbu t-tfal, li tagħti ħajtek kif jagħmlu t-tfal … li titlob kif jitolbu huma.

U dan kollu hu bżonnjuż sabiex nilħqu dak li ser ngħidilkom f'dawn il-vrus li ġejjin:

***Il-bidu tat-triq***, li fi tmiemha ser issib ruħek kompletament imsaħħar minn Imħabbtek lejn Ġesu', hi imħabba kunfidenzjali għal Marija Ommu.

Tixtieq li tħobb lill-Madonna? Sir għafha. Kif? Billi titlob ir-Rużarju ***sewwa***.

Imma fir-Rużarju … aħna dejjem nirrepetu l-istess affari-jiet!

Dejjem l-istess? U min jinnamra mhux dejjem l-istess affarijiet jgħid lil xulxin? … Jista' jkun li fir-Rużarju li tgħid hemm ċertu monotonija għax minflok tlissen kliem bħal bnedmin, tispiċċa biex tipproduċi ħsejjes biss, donnhom ta' l-annimali, waqt li moħħok ikun ħafna 'l bogħod minn Alla?

Isma', barraminhekk, qabel kull posta aħna nisimgħu l-misteru li jrid jiġi *kkontemplat*.

Qatt ***ikkontemplajt*** dawn il-misteri?

***Iċċekken***. Ejja miegħi … u flimkien ngħixu il-ħajja ta' Ġesu', Marija u Ġużeppi. Kull jum aħna ser nipprov dulhom servizz ġdid. Ser nisimgħu il-konversazzjonijiet tal-familja tagħhom. Naraw lill-Messija jikber. Nistagħġbu bit-tletin sena ta' ħajja moħbija … ser inkunu preżenti għall-Passjoni u l-Mewt tiegħu … ser nimmeraviljaw ruħna bil-Glorja tal-Qawmien tiegħu … F'kelma waħda: ser nikkontemplaw, misjuqa mill-Imħabba, kull waqt u mument ta' Ġesu' Kristu.

***Mill-Kitba ta'***
***San Jose Maria Escriva***
Ruma, fil-Festa tal-Kandlora, 2 ta' Frar, 1952

**Segwi l-avviżi u dak li jkun qed isir fil-Parroċċa permezz ta' l-Internet...**

**www.luqaparish.com**

# Id-**Djarju** tal-Parroċċa

## ottubru 2007

| | | |
|---|---|---|
| **It-Tnejn** | **1** | **Jum l-Anzjani**<br>Bidu tas-Sena tal-Katekiżmu<br>Fis-6.30 p.m. - Quddiesa għall-ġenituri għat-tfal kollha li din is-sena se jibdew il-MUSEUM jew iċ-Ċentru tad-Duttrina.<br>Fis-7.30 p.m. - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokjali. |
| **L-Erbgħa** | **3** | Fid-9.00 a.m. - Quddiesa li tagħti bidu għall-Laqgħat tan-Nisa Azzjoni Kattolika. |
| **Il-Ħamis** | **4** | **Jum l-Ambjent** - Festa ta' San Franġisk ta' Assisi.<br>Fis-7.15 p.m. - Jibda l-Kors ta' Kana – kors bi tħejjija għaż-żwieġ fiċ-Ċentru Parrokjali. |
| **Il-Ħadd** | **7** | **Festa tal-Modonna tar-Rużarju**<br>Fil-5.00 p.m. – Rużarju<br>Fil-5.30 p.m. – Quddiesa bil-priedka fuq il-Madonna, u wara purċissjoni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi Patri Martin Mamo O.F.M. Cap. |
| **L-Erbgħa** | **10** | **Jum Dinji tas-Saħħa**<br>Fid-9.00 a.m. - Laqgħa tan-Nisa Azzjoni Kattolika minn Fr Tony Sciberras M.S.S.P. |
| **Il-Ħamis** | **11** | Fil-5.30 p.m. - Pellegrinaġġ mill-Parroċċa għall-fdalijiet ta' San Ġorġ Preca ġewwa l-Blata l-Bajda.<br>Fit-8.15 p.m. - Jibdew il-laqgħat tal-Koppji immexxija minn Dun Rene Camilleri fiċ-Ċentru Parrokkjali. |
| **Il-Ħadd** | **14** | **Jum it-Tagħlim Nisrani** |
| **It-Tlieta** | **16** | Fis-7.15 p.m. - Bidu tal-Katakeżi mill-aħwa Neo-Katekumenali. |
| **Il-Ħadd** | **21** | **Ġurnata Missjunarja**<br>Fil-5.30 p.m. - Niċċelebraw il-Magħmudija fil-quddiesa. |
| **It-Tnejn** | **22** | **Żjara ta' Mons. Arċisqof Pawlu Cremona O.P.**<br>Fis-6.30 p.m. - Quddiesa<br>Fis-7.30 p.m. - Laqgħa fis-Sala Metanoia mal-membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali ta' l-Unita' 12 magħmula minn Ħal Luqa, Santa Luċija, Ħal Tarxien, Paola - Kristu Re u Paola - Lourdes. |
| **Il-Ħadd** | **28** | **Jum il-Bibbja**<br>**Tifkira tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali**<br>Fil-5.30 p.m. Quddiesa Solenni |

# Ngħixu l-Liturġija 20

**Kan. Karm Zammit**

## Żmien il-Għid

Il-Quddiesa ta' Ħadd il-Għid fil-għodu tħabbar li r-rebħa sħiħa ta' Kristu tidher fil-ħajja ġdida li ngħixu bit-tiġdid ta' l-Ispirtu s-Santu. Il-qari tal-Quddiesa jkompli jisħaq fuq dan il-ħsieb tal-kolletta. Fl-ewwel qari nisimgħu l-klime li bih San Pietru ħabbar il-miraklu tal-qawmien mill-mewt tal-Mulej lil Komelju ċ-Ċenturjun. San Pawl fit-tieni qari jistedinna ngħixu l-misteru ta' l-Għid fil-milja kollha tiegħu: jew billi nfittxu l-ħwejjeġ tas-sema, issa li qomna għal ħajja ġdida ma' Kristu jew billi nwarrbu l-ħmira l-qadima biex inkunu għaġna ġdida fi Kristu. L-Evanġelju hu t-tħabbira tal-qawmien tal-Mulej mill-imwiet kif insibuha fl-Evanġelju ta' San Ġwann. Fil-ħsieb tal-Knisja ta' l-ewwel żminijiet il-festa ta' l-Għid kienet festa waħda li ddum sejra ħamsin jum, il-jum li fih l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli; dan wassal imbagħad biex għaxart ijiem qabel, issir t-tifkira solenni ta' tlugħ il-Mulej fis-sema. Tul iż-żmien kollu ta' l-Għid, il-Knisja tiċċelebra b'ferħ liema bħalu l-ħamsin jum ta' l-Għid bħala "il-jum li għamel il-Mulej" li fih "nifirħu u nithennew".

Il-Quddiesa tat-Tlugħ tal-Mulej fis-sema hija innu ta' ferħ u taħ tifħir għax fis-sema tela' l-Mulej b'għajat ta' ferħ u bid-daqq tat-trombi. Il-ħamsin jum ta' l-Għid bħala l-aħħar jum tal-festi ta' l-Għid ma damx ma ħa importanza speċjail. Il-Quddiesa tal-jum tiċċelebra l-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja. L-ewwel lezzjoni hija r-rakkont kif insibuh fil-bidu ta' l-Atti ta' l-Appostli waqt li t-tieni lezzjoni, bi kliem San Pawl lill-Efesin, hi t-tħabbira tal-glorifikazzjoni tal-Mulej fil-lemin tal-Missier, "'il fuq minn kull setgħa u qawwa, 'il fuq minn kull isem li jissemma issa u għal li ġej". L-Evanġelju jħabbrilna l-misteru li qed jiġl ċċelebrat.

Il-ħamsin jum ta' l-Għid, bħala l-aħħar jum tal-festi ta' l-Għid ma damx ma ħa importanza speċjail. Il-Quddiesa tal-jum tiċċelebra l-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja. L-ewwel lezzjoni tħabbar dak li seħħ fl-ewwel Għid il-Ħamsin. It-tieni lezzjoni turina kif l-Ispirtu s-Santu huwa r-ruħ tal-Knisja. L-Evanġelju jħabbar id-dehra ta' Kristu lill-Appostli, dak in-nhar li qam mill-imwiet. Bisa-solennita' ta' Għid il-Ħamsin jaqgħlaq żmien il-Għid u jerġa' jibda ż-żmien ta' matul is-sena.



### Twieldu mill-Ġdid bil-Magħmudija

Denya Magro
Leia Micallef
Lucas Elias Fenech
Mikhail Caruana



### Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

Alexei Spiteri ma' Sue Ellen Grixti
Andre' Penza ma' Mary Anne Cropp
Francis Mercieca ma' Mariam Bugeja



### Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem

Maria Anna Cassar
Nikolina Vassallo
Joseph Cassar
Josephine Gauci
Mary Seychell

## Festa Madonna tar-Rużarju



**Il-Ħadd 7 ta' Ottubru**

Purċissjoni devota li tgħaddi minn dawn it-toroq:

Misraħ Sant' Andrija, Misraħ tal-Knisja, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Sant' Andrija, Misraħ Sant' Andrija.